MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 488/2007

**Mary Grace mart Saviour Spiteri (ID335655M) f'isimha proprio u bhala mandatarja tal-assenti Peter Brincat u Maria Jude Billson kif debitament awtorizzata b'zewg prokuri hawn annessi u mmarkati bhala dokument A u B. Joseph Brincat (ID409251M), Charlot Brincat (ID597152M), Odette mart Joseph Mallia (ID19261M), Maryanne mart Dottor in Medicina Stefan Laspina (ID179286M), u Charlotte mart Aldo Schembri (ID 374868M)**

**vs**

**Carmelo Bondin (ID903151M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat 30 t'April 2007 u d-dokumenti l-ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tallum 5 ta' Gunju 2007 u peress li din il-Qorti thoss li l-intimat ma ppruvax *prima facie* li ghandu eccezzjonijiet validi x'jipproduci sabiex jikkontrasta l-azzjoni attrici, tant li fil-mument odjern jirrizulta li m'ghandux dritt ta' kera, ghalhekk ma ghandu ebda bazi sabiex jopponi t-talba attrici skond dak provdut fl-artikolu 170 tal-Kap 12.

Illi fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, b'dan illi:

(ii) tikkundanna lill-konvenut sabiex f'terminu qasir u perentorju ta' erbghin (40) jum millum jikkonsenja lill-atturi c-cavetta u l-pussess battal tal-fondi numri 41/1 u 41/2 St Paul's Street, Valletta *stante* li dawn jinsabu f'idejh bla ebda titolu legali u konsegwentement jirrilaxxja l-istess immobbili bhala liberi u vojta favur l-atturi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Frar 2007 kontra l-konvenut intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------